## LIL KARMENU VASSALLO

*Mhix ħaġa ġdida għalik, jekk ħsibijieti*
*Nonxorlok fuq il-manxar tal-imħabba:*
*Minn meta ltqajna l-ewwel darba, u f'qalbna*
*Nar ta' qima għal xulxin tkebbes u trabba*

*Min jaf kemm ftaħna bibien qlubna għall-beraħ*
*Ta' kliem li ntilef ma' titjir ir-riħ;*
*U kien għalina Ġenna kull fejn konna,*
*U nbidel f'manna l-ġebel tas-sejjieħ.*

*U llum, ħabib, li kull fejn nitfa' ħarsti*
*Ma narax ħlief għajnejn it-tifkiriet*
*Iħarsu lejja qishom rwieħ għatxana*
*Jittawlu mill-belliegħa tal-imwiet,*

*Hassejt li miegħek għandi niftaħ qalbi,*
*Ha nsib il-faraġ f'kelmtek mellisija,*
*Ha nsib f'għanjitek dak il-mantar ħelu*
*Li bih taf tnissi l-hemm il-Poeżija.*

*M'ilux, ħabib, li l-ħelu wiċċ safrani*
*Ta' dik li tatni l-ħajja niżel, u għab*
*Minn dawl ix-xemx, minn dawl l-imbikkma għajnejja*
*Biex jibqa' darba għal dejjem taħt it-trab;*

*U ftit ġimgħat kienu għaddew minn meta*
*Kont wassalt lil missieri għall-mistrieħ*
*Tad-dar id-dejqa; u hekk tbattiet is-siġra*
*U jien bqajt werqa, tperper mal-irjieħ.*

*X'jiswielu l-bniedem, li ma' tul ir-radda*
*Illi jħaffer warajh moħriet il-ħajja*
*Jagħmel bħaċ-ċawl imġewwaħ, li fl-għelieqi*
*Jixxennaq wara s-sikka, qtajja' qtajja'?*

*Niżirgħu qamħ, biex naħsdu mbagħad sikrana,*
*Inħaddnu s-sema u ma nsibux ħlief sħab;*
*Rażżanna l-ħolqien kollu, u x'ħin dehrilna*
*Li sirna slaten, ma sibniex ħlief trab.*

*Nistħajlek tgħidli: "Għaliex tħalli werqa*
*Tgħattilek ġmiel ix-xemx?" Iżda, ħabib,*
*X'jiswielna l-ħsieb tas-sajf imbiegħed, meta*
*Il-bard u r-riħ tax-xitwa jaħkem qrib?*

*Tittawwal liebta fuq għajnejk tbissima,*
*Għax int ukoll ħabbatt fuq il-bibien*
*Ta' xorti truxa. Qalbek ġa kellmitni:*
*Tifhimni llum kif qabel fhimtek jien.*

GEORGE ZAMMIT.